MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Numru 1015/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**vs**

**OGLEV MICALLEF**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Oglev Micallef bin il-mejjet Pio u Maria Dolores nee' Grima, imwieled Pieta' fil-21/12/1989, residenti 19 Flt 3, Triq l-Ibjar, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 45890M.

Billi gie akkuzat talli nhar id-09 t'Ottubru 2008 ghal-habta tas-19:20hrs gewwa Triq il-Mediterran Valletta waqt li kien

qed issuq vettura ta’ l-ghamla Fiat Tipo bin-numru ta’ registrazzjoni YPI-660,

1 B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, kien involut f’incident stradali bil-konsegwenza li kkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Alexia Grech detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 147784M,

2 U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenza tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minn Awtorita relevanti u ghalhekk ma kienx kopert b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni, b’nuqqas ta kont, bi traskuragni u/jew b’mod perikoluz,

3 U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saqt li kien qed issuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni YPI-660, kien involut f’incident tat-traffiku u naqas milli jieqaf fuq il-post u meta kien mehtieg naqas li jaghti partikularijiet tieghhu u dettalji ohra tal-vettura li kien qed issuq kif mitlub bil-ligi u/jew naqas li jirraporta l-incident lil Pulizija jew Gwardjan Lokali.

F’kaz ta’ htija, il-Qorti giet gentilment mitluba tirrevoka jew tissospendi kull tip ta’ licenza f’isem l-Imputat ghal zmien li Lilha jidrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JG1 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17 u 226 tal-Kap. 9, l-artikolu 15(1)(a)(2) u (3) tal-Kap. 65, l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 u ir-Reg. 67 tal-A.L. 128/1994.

Issib lill-imputat Oglev Micallef, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali tal-imputat, l-eta' tenera tal-imputat u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulzija, nkwantu ghall-ewwel akkuza u it-tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Oglev Micallef ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Oglev Micallef jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija u inoltre tikkundanna lill-imputat Oglev Micallef ghall-piena ta'

tmien mija u hmistax Euro (Euro 815) multa, nkwantu ghat-tielet akkuza tikkundanna lill-imputat Oglev Micallef ghall-piena ta' mitejn u tnejn u tletin Euro (Euro 232) multa.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tiskwalifika lill-imputat Oglev Micallef milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Oglev Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------